## Gwida għar-Reġistranti

1. Studenti fil-livell primarju (bejn ir-raba' u s-sitt sena) jeħtieġ li jirreġistraw biss f'kategorija A, filwaqt li dawk fil-livell medju/sekondarju f'kategorija B.
2. Il-formula tar-reġistrazzjoni trid tiġi sottomessa sa nhar il-Ġimgħa 23 ta' Lulju, 2021.
3. Jeħtieġ li kull applikant jaqra sew l-istorja kampjun mehmuża ma' din iċ-ċirkolari u jissottometti illustrazzjoni waħda oriġinali li tiġbor fiha l-qofol tal-istorja. Dan sabiex jesebixxi /tesebixxi l-istil u l-ħiliet illustrattivi. Verżjoni rrekordjata tal-istorja hija wkoll provduta.
4. Kull applikazzjoni tiġi evalwata u mogħtija punti skont il-kwalità u l-istil. F'kull kategorija, ir-reġistrant/a bl-aktar punti, jiġi/tiġi magħżul/a għax-xogħol tal-illustrazzjonijiet finali.
5. L-evalwazzjoni tax-xogħol artistiku sottomess iseħħ skont il-kriterji t'hawn taħt:
    i. Kapaċità li wieħed jesprimi l-qofol tal-istorja f'illustrazzjoni waħda. (20 punt)
    ii. Ċarezza ġenerali tal-illustrazzjoni. (20 punt)
    iii. Karattri uniċi u relevanti. (20 punt)
    iv. Bilanċ fil-kompożizzjoni. (20 punt
    v. Użu adegwat ta' kuluri. (20 punt)
6. L-istudenti magħżula għax-xogħol finali jridu jkunu disponibbli għal xi laqgħat ta' gwida artistika ma' Uffiċjali tal-Ministeru. Dawn il-laqgħat jistgħu jseħħu kemm b'mod virtwali jew fiżiku, skont il-miżuri governattivi dwar il-COVID 19 relevanti għal dak iż-żmien.
7. Ix-xogħol tal-illustrazzjonijiet finali jrid jitlesta u jiġi sottomess sal-Ġimgħa 17 ta' Settembru, 2021.
8. L-istudenti magħżula jistgħu jiġu mitluba jipprovdu evidenza li x-xogħol artistiku huwa tassew magħmul minnhom. Jekk din l-evidenza ma tkunx sodisfaċenti, il-bord tal-evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li jtemm il-ftehim dwar il-kollaborazzjoni.
9. Il-bord tal-evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li jtemm il-ftehim dwar il-kollaborazzjoni f'kull stadju tal-proċess.
10. It-12–il illustrazzjoni finali jridu jiġu ppreżentati separatament fuq karta ta' daqs A4.
11. Il-prodott finali jeħtieġ jirrifletti l-istess stil u teknika artistika ppreżentata fil-fażi tar-reġistrazzjoni.
12. Id-drittijiet fuq ix-xogħol artistiku finali jinqasmu indaqs bejn l-istudenti magħżula u l-Ministeru għall-Edukazzjoni. Għaldaqstant, il-Ministeru jkun jista' juża dawn ix-xogħlijiet skont il-ħtieġa, filwaqt li l-firma tal-istudent dejjem tkun tidher.
13. Kull komunikazzjoni li ssir mal-istudenti (reġistranti jew magħżula) dejjem isseħħ bl-awtorizzazzjoni tal-ġenituri / tuturi tagħhom.
14. Il-bord jirriserva d-dritt illi ma jagħżel l-ebda sottomossjoni f'każ illi l-kwalità artistika meħtieġa ma tintlaħaqx.
15. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-bord tal-evalwazzjoni huma finali.